REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1530

tas-7 ta' Settembru 2017

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva kwiżalofop-p-tefuril

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ([2]) tistabbilixxi s-sustanzi attivi meqjusin approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(2) Iż-żmien u r-riżorsi meħtieġa biex titlesta l-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-approvazzjonijiet tal-ħafna sustanzi attivi li l-approvazzjonijiet tagħhom jiskadu bejn l-2019 u l-2021 u għalhekk id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C/2016/6104 ([3]) stabbiliet programm ta' ħidma li jgħaqqad sustanzi attivi simili u jistabbilixxi l-prijoritajiet abbażi tat-tħassib dwar is-sikurezza għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali jew għall-ambjent kif previst fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(3) Oriġinarjament, l-approvazzjonijiet tas-sustanzi attivi propakwiżafop, kwiżalofop-p-etil u kwiżalofop-p-tefuril kienu jiskadu bejn l-2019 u l-2021. Peress li dawn it-tliet sustanzi huma varjanti ester tal-kwiżalofop, dawn għandhom proprjetajiet simili. Filwaqt li jitqiesu d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C/2016/6104, il-proprjetajiet ta' periklu tal-kwiżalofop-p-tefuril ([4]) u l-fatt li t-tliet sustanzi għandhom xebh importanti, jixraq li dawn jinġabru flimkien biex tiġi allinjata l-għażla taż-żmien tal-valutazzjoni tagħhom u tal-proċess tal-analiżi bejn il-parti li tagħmel l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel. Għalhekk il-fajls tat-tliet sustanzi għandhom jitressqu lill-Istati Membri relaturi rispettivi tagħhom matul l-istess perjodu taż-żmien.

(4) L-approvazzjonijiet tal-propakwiżafop u tal-kwiżalofop-p-etil jiskadu fit-30 ta' Novembru 2021. Sabiex tiġi allinjata l-għażla taż-żmien tal-valutazzjoni tas-sustanza kwiżalofop-p-tefuril mal-valutazzjoni taż-żewġ sustanzi l-oħra, għandu jiġi estiż il-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanza kwiżalofop-p-tefuril.

(5) Tressqet applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-approvazzjoni tal-kwiżalofop-p-tefuril skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 ([5]).

(6) Fid-dawl tal-għan tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għall-każijiet li ma jitressqilhom l-ebda fajl supplimentari skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 sa 30 xahar qabel id-data tal-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni se tistabbilixxi d-data tal-iskadenza fl-istess data bħal dik ta' qabel dan ir-Regolament jew fl-eqreb data minn hemm 'il quddiem.

(7) Fid-dawl tal-għan tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għall-każijiet meta l-Kummissjoni se tadotta Regolament li jistipula li l-approvazzjoni tas-sustanza attiva msemmija f'dan

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.
([2]) ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1.
([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Settembru 2016 dwar l-istabbiliment ta' programm ta' ħidma għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-approvazzjonijiet tas-sustanzi attivi li jiskadu fl-2019, fl-2020 u fl-2021 skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 357, 29.9.2016, p. 9).
([4]) L-Opinjoni tal-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskji (RAC) tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi tipproponi l-klassifikazzjoni u t-tikkettar armonizzati tal-kwiżalofop-p-tefuril fil-livell tal-UE. Adottata fit-3 ta' Ġunju 2016.
([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 tat-18 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tiġdid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 252, 19.9.2012, p. 26).

ir-Regolament ma tiġġeddidx għax ma jkunux ġew issodisfati l-kriterji tal-approvazzjoni, il-Kummissjoni se tistabbilixxi d-data tal-iskadenza bħall-istess data prevista qabel dan ir-Regolament jew inkella, jekk din id-data tiġi aktar tard, fid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament li jistipula li l-approvazzjoni tas-sustanza attiva ma tiġġeddidx. Għall-każijiet meta l-Kummissjoni se tadotta Regolament li jistipula t-tiġdid tas-sustanza attiva msemmija f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni se tipprova tistabbilixxi l-aktar data ta' applikazzjoni kmieni possibbli, kif xieraq skont iċ-ċirkostanzi.

(8) Għalhekk ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 għandu jiġi emendat skont dan.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fis-sitt kolonna, "Skadenza tal-approvazzjoni", l-entrata 279 fil-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011, id-data "30 ta' Novembru 2019" fir-rigward tal-kwiżalofop-p-tefuri għandha ssir "30 ta' Novembru 2021".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Settembru 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER